Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

**POŻIZZJONI TA' *MANAGER (PROJECTS)* GĦALL-PROĠETT *"ERDF 02.035 – CONNECTED EGOVERNMENT (CONvErGE)"* FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

,

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Manager (Projects)* għall-proġett *"ERDF 02.035 – Connected eGovernment (CONvErGE)"* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' tliet (3) snin bħala *Manager (Projects)* biex taħdem fuq il-proġett "*ERDF 02.035 – Connected eGovernment (CONvErGE)*" fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Manager (Projects)* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12)-il xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

2.4 Din is-sejħa hi parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020) bir-rata ta' ko-finanzjament 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 20% Fondi Nazzjonali.

**Salarju marbut mal-pożizzjoni**

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Manager (Projects)* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 bħalissa €24,153 fis-sena 2019 li jitla' b'żidiet fis-sena ta' € 531.17 sa massimu ta' €27,340.

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet ta' *Manager (Projects)* jinkludu li :

a) Taħdem b'mod effettiv fl-implimentazzjoni tal-proġett *CONvErGE* mar-regoli applikabbli tal-Unjoni Ewropeja u dawk Nazzjonali ;

b) Taħdem mill-qrib mal-*Project Leader* u t-timijiet rispettivi responsabbli mill-komponenti partikolari tal-proġett *CONvErGE* biex jiġu żviluppati pjani ta' ħidma skont l-applikazzjoni sottomessa u l-ftehim maqbul, li jinkludi iffissar ta' kompitu, iskadenzi, moniteraġġ u sommarji tat-tmexxija tax-xogħlijiet assenjati ;

c) Tipparteċipa f'kull tip ta' taħrig neċessarju kif rikjest mill-*Project Leader* għall-implimentazzjoni b'suċċess tal- proġett/i assenjat/a ;

d) Tipparteċipa fl-laqgħat kif rikjest/meħtieġ mill-*Project Leader* tal-proġett *CONvErGE*

e) Taħdem mill-qrib mal-*Project Leader* kif ukoll tassisti fl-immaniġjar tal-proġett waqt l-implementazzjoni u kif ukoll waqt l-awditjar ;

f) Tosserva il-proviżjonijiet tal-Manwal ta' Proċeduri u pubblikazzjoniet oħra pubblikati mill-Awtorità kompetenti mill-fondi tal-proġett, kif ukoll tikkollabora u tirraporta b'mod regolari lil *Project Leader* fuq l-immaniġjar tal-proġett ;

g) Tagħmel użu massimu mill-għodod disponibbli biex tiżgura suċċess fl-implimentazzjoni tal-proġett assenjat. Dan jinkludi użu ta' *Structural Funds Database* (*SFD*) kif ukoll għodod oħra teknoloġiċi neċessarji kif meħtieġ;

h) Tipprepara rapporti relatati mal-progress tal-proġett kif mitlub, kif ukoll tipprovdi informazzjoni relevanti, kif mistenni;

i) Taħdem mill-qrib mal-persuni nnominati bħala punt ta' referenza kif ukoll taħdem mat-timijiet rispettivi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' kull komponent rispettiv tal-proġett *CONvErGE* ;

j) Tikkoordina x-xogħol amministrativ relatat mal-proġett kif ukoll taħdem mal-partijiet konċernati u torganizza laqgħat mal-partijiet koncernati kollha kif meħtieġ u skont struzzjonijiet mogħtija mill-*Project Leader* ;

k) Tikkoordina attivitajiet u tqassam materjal informattiv li bih tippromwovi l-proġett assenjat kif stabbilit fir-regolamenti u proċeduri ;

l) Tagħmel moniteraġġ tal-ispejjeż, il-ħin, u l-kwalità tax-xogħol kif ukoll tara proposti u suġġerimenti għall-implimentazzjoni aħjar biex jiġi assigurat l-aħjar interess tal-proġett ;

m) Tivverifika ix-xogħol kollu mwettaq fuq bażi ta' *invoices* sottomessi, tawtorizza l-approvazzjoni ta' pagamenti u taħdem mill-qrib mal-*Project Leader* biex dawn il-pagamenti jiġu pproċessati;

n) Tirraporta b'mod regolari kif mitlub mill-*Project Leader* rigward il-progress tal-proġett CONvErGE, u pagamenti tal-fondi kif ukoll sitwazzjonijiet u riskji li b'xi mod jistgħu jaffettwaw is-suċċess komplett tal-proġett assenjat.

o) Twettaq dmirijiet oħra skont struzzjonijiet tal-*Project Leader* jew rappreżentant tiegħu;

p) Twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u Ingliża;

(iii) a) li jkollhom kwalifika *Masters* rikonoxxuta f'livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 *ECTS/ECVET* krediti, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) *fl-Information and Communications Technology* jew *Management* jew Amministrazzjoni jew Amministrazzjoni Pubblika jew Studji Ewropej jew kwalifika professjonali komparabbli u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

jew

b) li jkollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ECVET* krediti, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-*Information and Communications Technology* jew *Management* jew Amministrazzjoni jew Amministrazzjoni Pubblika jew Studji Ewropej jew kwalifika professjonali komparabbli u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti;

jew

c) Uffiċjali Pubbliċi fi skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10, lil-ħatra tagħhom fl-iskala msemmija tkun ġiet ikkonfermata, u li jkollhom kwalifika Baċellerat rikonoxxuta fil-livell 6 tal-*MQF* (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ECVET* krediti, jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru tal-2003), fl-*Information and Communications Technology* jew *Management* jew Amministrazzjoni jew Amministrazzjoni Pubblika jew Studji Ewropej jew kwalifika professjonali komparabbli;

jew

d) ikunu uffiċjali tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u impjegati tal-RSSL, it-tnejn f'livell ta' responsabilita' komparabbli ma' Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10 fis-Servizz Pubbliku u li l-ħatra tagħhom f'dan il-livell giet ikkonfermata, u li għandhom kwalifika ta' Baċellerat rikonuxxuta f' Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ECVET* krediti, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-*Information and Communications Technology,* jew *Management* jew Amministrazzjoni jew Amministrazzjoni Pubblika jew Studji Ewropej, jew kwalifika professjonali komparabbli;

jew

e) Persuni li jokkupaw il-pożizzjoni partikolari fuq bażi personali u li l-ħatra tagħom f'din il-pożżizjoni ġiet ikkonfermata.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' *Masters* f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 *ECTS/ECVET* krediti, fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkun lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-*ECTS/ECVETS*, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbilta' ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

5.3 Biex jiġi ddeterminat u ikkumparat il-livell ta' responsabbilta' tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u tal-ħaddiema tal-RSSL mal-livell ta' responsabbilta' meħtieġ minn uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/*HR Manager* responsabbli tal-entita' rispettiva tas-Settur Pubbliku.

5.4 L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entita' rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entita', f'kas li ħaddiema tas-Settur Pubbliku jintgħażlu għall-pożizzjoni. Ħaddiema tal-RSSL jibqgħu fuq il-kotba tal-kumpanija.

Fl-eventwalita' li ħaddiema tal-RSSL jottjenu l-istat indefinit fis-Servizz Pubbliku skont il- L.S. 452.81, l-impieg tagħhom mal-RSSL jiġi tterminat.

Sakemm il-ħaddiema tal-RSSL ma jiħdux l-istat indefinit mas-Servizz Pubbliku wara erba' snin fil-pożizzjoni skont il-L.S. 452.81, il-persuni maħtura jkunu intitolati jerġgħu lura għall-pożizzjoni li kellhom mal-RSSL bis-salarju li kellhom mal-RSSL.

5.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun *scanned* u mibgħuta permezz tar-*Recruitment Portal* fuq https://recruitment.gov.mt. Dawn id- dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **100**% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50**%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

8. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar- Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-*Recruitment Portal* **biss** fuq l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu C*urriculum Vitae* (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a) kif ukoll *Service and Leave Record Form* (GP 47) fil-format tal- *PDF* aġġornat (fil-każ ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku) jew Ċertifikat riċenti tal-Kondotta fil- format tal- *PDF* maħruġ mill-Pulizija jew awtorita oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjara jekk qatt kienx fis-Servizz Pubbliku u jingħataw id-dettalji (fil-każ ta' persuni li mhumiex ħaddiema fis-Servizz Pubbliku) li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija **nofs in-nhar** *(Central European Time)* **ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2019.** Tintbagħat ittra elettronika ġġenerata mill-komputer bħala riċevuta li l-applikazzjoni tkun daħlet.

Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u ħaddiema tal-RSSL, dawn ghandhom jissottomettu *paid/unpaid Leave u Sickleave records* għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-*DCS* tal-ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-ministeru.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

9. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;

Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u ndirizz elettroniku tad-Direttorat huma www.opm.gov.mt u human-resources.opm@gov.mt .

Programm Operattiv I - Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
*"It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna"*
Sejħa għall-impjieg parzjalment iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali